FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 19 TA' OTTUBRU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Mario Haber)

vs

Fabio Psaila

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 318874m akkuzat talli:

1. fil-15 ta' Settembru 2008, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lill xi persuna u cioe' l-ispettur tal-Pulizija Joseph Mercieca kontra l-volonta tieghu, tal-post biex fih din il-persuna tigi arrestat, mizmuma jew issekwestrata;
2. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi attakka, hebb jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' il- kuntisstabbli 143 Stephen Grech u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti;
3. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' il- kuntisstabbli 1315 Jeffrey Abela, il-kuntisstabbli 143 Stephen Grech u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija, waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela, skond ma ccertifikat it-tabiba Dr Satja Brata Das tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana;
5. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' l-uniformijiet tal-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela u 143 Stephen Grech, liema hsara li tammonta ghal aktar minn €23.29, izda inqas minna € 116.47, saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
6. f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi saq vettura eccessiva u b'manjieri traskurat u perikoluza;
7. f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi m'obbdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd,

indahal fi dmiru, billi ma halliex il-haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel , jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun;

8. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, nhar il-5 ta' Lulju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel, huwa kien gie moghti il-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta sentejn;
9. rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentezi moghtija mill-Qrati ta' Malta. liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat in-*nota* tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma ilkoll konnessi ma' incident li huwa kellu mal-ispettur Joseph Mercieca precisament fil-15 ta' Settembru 2008. L-akkuzi jixluh talli:

arresta zamm jew issekwestra kontra l-volonta' tieghu l-imsemmi spettur;
attakka, hebb jew ghamel resistenza bi vjolenza kontra Pc1315 u Pc143;
ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna taz-zewg kuntestabbli fuq imsemmija;
ikkaguna lill-istess kuntestabbli offiza ta' natura hafifa;
ikkagunalhom danni fuq hwejjighom;
saq vettura b'velocita' eccessiva u b'manjiera traskurata u perikoluza;
iddisobbidixxa ordnijiet legittimi u interferixxa u fixkel xoghol l-ispettur fil-qadi tad-doveri tieghu;
kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446;
huwa recidiv.

Il-provi da parti tal-prosekuzzjoni fil-konfront l-ewwel u s-seba akkuza jikkonsistu fix-xhieda tal-ispettur. Dana spiega li l-gurnata kienet il-15 ta' Settembru 2008 ghal habta tat-tmienja u ghoxrin minuta ta' filghodu; kien mar ghalih l-Pc9 biex mid-dar iwasslu ghax-xoghol; niezlin in-nizla ta' l-Imsida innota Peugeot ahmar, numru ta' registrazzjoni CBF453, bl-imputat fiha. Kompla stqarr li stante informazzjoni diramata appena gurnata qabel rigward l-imputat u serqa f'Ghawdex u konxju tal-problematika tal-intracjabilita' tal-imputat, nizel mill-vettura li kien riekeb fiha u tela f'dik tal-imputat. Jghid li lill-imputat infurmah li kien taht arrest, tah ordni biex isuq lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u istruixxa lill-Pc9 biex isegwihom. Kompla jistqarr ix-xhud li meta waslu 'Sa Maison' l-imputat minflokk kompla sejjer lejn fejn isorgi l-vapur ta' Ghawdex ha id-direzzjoni li tiehu ghal-Hamrun, accellera fil-hin li waslu hdejn il-monument ta'

Anton Buttigieg, tant li l-PC9 li kien qieghed isegwihom xeghel is-sirena biex jiskanza t-traffiku li kien gej miz-zewg direzzjonijiet. Temm jghid l-ispettur, li l-imputat saq ghal fejn ommu, Triq Annunzjata, fejn wara li ma fetahlu hadd ghand ommu mar ghand il-garr ta' faccjata fejn gie mizmum minn Pc9. In kontro-ezami ikkonferma li kien avza lill-imputat li kien arrestat; li l-imputat kien qallu li ried ikellem lill-huh; li bhala fatt mandat ta' arrest ma kellux; li l-informazzjoni rigward is-serqa gewwa Ghawdex kienet waslitlu ghal habta tad-9.30pm tal-gurnata ta' qabel.

L-imputat fix-xhieda tieghu jirribatti billi, fil-waqt li kkonferma li l-ebda mandat ta' arrest ma nghatalu, ghalkemm l-ispettur meta dahal fil-vettura tieghu intimalu li kien arrestat, jghid li meta staqsieh dwar fejn ser ihalli l-karozza tieghu, jekk hux ghand huh, li huwa kuntistabbli, jew fejn ommu, jghid li meta semmielu l-omm, l-ispettur ma qallu xejn u hu ha d-direzzjoni fejn kienet tirrisjedi ommu gewwa Triq Annunzjata fejn fil-fatt waqaf. Altrimenti, l-imputat cahad li saq b'xi velocita jew li volutament ghamel hsara fl-uniformijiet tal-kuntistabbli jew ukoll li ikkagunalhom xi feriti. Dwar daqshekk sostna li kienu l-pulizija li immaltrattawh fil-mument li zammewh l-Hamrun fejn id-dar ta' ommu.

Ikkunsidrat:

Dwar l-akkuzi li ma jinvolvux direttament lil ispettur u li allura jinvolvu l-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela u l-143 Stephen Grech il-Qorti fuq ix-xhieda taghhom, tara li l-imputat ghandu jinstab hati, kif fil-fatt qeghdha ssibu hati, li ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-kuntistabbli 1315 u wkoll li ghamel hsara fuq qmis u qalziet tal-kuntestabbli 1315 liema hsara tammonta ghal €28.24. Qeghdha pero' tesprimi r-riservi taggha dwar il-bzonn tal-konvolgiment ta' dawn iz-zewg kuntestabbli gja la darba l-imputat kien temm il-korsa tieghu fejn id-dar ta' ommu. Minhabba f'hekk hi tal-fehma li f'kull kaz ikun hemm temperament fil-piena.

Dwar l-ewwel u s-seba offiza; Fir-rigward tal-ahhar li hija kontravenzjonali u tixli lill-imputat li naqas li jobdi ordnijiet tal-ispettur Mercieca dina bhala tirrizulta stante li l-ordni biex l-imputat, li kien hawnhekk avzat li kien taht arrest, isuq lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija ma gietx obduta u minflok saq fejn toqghod ommu. Il-Qorti tghid f'dan il-kuntest li l-ordni kienet wahda legittima u ftit jimporta jekk l-imputat ghamel dak li ghamel biex ihalli l-vettura tieghu hdejn fejn toqghod ommu. Fuq l-ewwel tixlih li arresta, zamm jew issekwestra lill ispettur Mercieca kontra l-volonta' tieghu l-Qorti tafferma li ghab-bazi tal-artikolu in disamina, igifieri, l-Artikolu 86 tal-Kap 9, l-espressjonijiet 'arresta', 'zamm' jew 'issekwestra', fih kontenuti, mhumiex sinonimi ghal xulxin u ghalhekk hemm rejita' taht dan l-artikolu f' kull wahda minnhom separatament. Mill-fattispecje tal-kaz il-Qorti qeghdha tirrijavvisa r-reat taht dan l-artikolu stante li l-ispettur 'inzamm' hekk kif l-imputat saq ghal fejn ommu l-Hamrun bil-mod li saq. Mill-banda l-ohra hu osservat li l-arrest ma kienx wiehed linejari fis-sens li, per ezempju, kontra dak li jipprovdi l-Kap 9, l-imputat ma ttiehidtx fl-eqreb ghassa tal-Pulizija u oltre l-arrest gie esegwit minghajr mandat li seta' kien jkun indispensabbli ghall-arrest legittimu .

Mill-bqija tirrizulta l-akkuza fir-rigward is-sewqan li fil-fehma tal-Qorti huwa rijavvisabbli f'wiehed bla kont u traskurat li irrasenta biss il-perikoluz u t-trakuragni kbira.

Jirrisulta l-ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 fuq l-iskorta tas-sentenza esebita in atti tal-5 ta' Lulju 2007 ta' din il-Qorti diversament preseduta. Ghal dak li jirrigwarda r-recidiva ebda sentenza in sostenn ma gietx esebita.

Rat l-Artikolu 86,95,96,221,325(d),338(ee),17(d) tal-Kap 9, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, u l-Artikolu 23 tal-Kap 446. Billi minhabba dak li ntqal fil-parti dispositTiva ta' din is-sentenza l-Qorti hi tal-fehma li tista' tapplika l-Artikolu 23 tal-Kap 9. Tikkundanna lill-imputat ghas-somma komplessiva ta' €2000.

A.M.Trigona

Magistrat